



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2012
COM(2012) 706 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Pollakk skont ir-Regolament
Nru 338/2008 li jipprovdi għall-adattament tal-kwoti għas-sajd tal-merluzz li għandhom
jiġu allokati lill-Polonja fil-Baħar Baltiku (Subdiviżjonijiet 25-32, Ilmijiet KE) mill-2008
sal-2011**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Pollakk skont ir-Regolament
Nru 338/2008 li jipprova għall-adattament tal-kwoti għas-sajd tal-merluzz li għandhom
jiġu allokati lill-Polonja fil-Baħar Baltiku (Subdiviżjonijiet 25-32, Ilmijiet KE) mill-2008
sal-2011**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	4
2.	Pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar il-Kontroll	4
2.1.	Tisħiħ tal-qafas legali	4
2.2.	Stabbiliment u operat ta' awtorità unika	5
2.3.	Titjib fil-qasam tal-ispezzjonijiet	5
2.4.	Titjib fil-kontroll amministrattiv	5
3.	Pjan Nazzjonali ta' Ristrutturar tal-Flotta Baltika	6
3.1.	Tendenzi fil-flotta tas-sajd Pollakka	6
3.2.	Tnaqqis fl-għadd ta' permessi speċjali għas-sajd tal-merluzz	7
3.3.	Waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd	8
3.4.	Miżuri ta' mmodernizzar (trasferiment għas-settur pelaġiku)	8
3.5.	Introduzzjoni tal-Kwoti Indivdwal Trasferibbli (ITQ)	8
4.	Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	8

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/2008 tal-14 ta' April 2008 li jipprovdi għall-adattament tal-kwoti għas-sajd tal-merluzz li għandhom jiġu allokat lill-Polonja fil-Baħar Baltiku (Subdiviżjonijiet 25-32, Ilmijiet KE) mill-2008 sal-2011, il-Kummissjoni hija meħtieġa li kull sena tevalwa u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali Pollakki dwar il-kontroll u r-ristrutturar. Dawn huwa r-rapport finali fuq il-perjodu ta' tliet snin.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Pollakk dwar il-kontroll huwa mfassal biex jingħelbu d-diffikultajiet li ġew identifikati fir-rigward tal-ispezzjonijiet u l-infurzar u biex jindirizza b'mod komprensiv il-kawżi li jsejsu s-sajd illegali u l-ksur tal-liġi tal-UE għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku. Il-kontenut tal-Pjan ġie diskuss u sar ftehim fuqu mill-awtoritajiet Pollakki u mis-servizzi tal-Kummissjoni waqt laqgħa f'Varsavja li saret fit-18 ta' Marzu 2008. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-kontroll huwa deskritt fir-Rekord Miftiehem ta' dik il-laqgħa.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar ir-Ristrutturar tal-Flotta Baltika, li jkopri wkoll il-perjodu mill-2008 sal-2011, kien imfassal biex jidentifika l-miżuri li jridu jittieħdu sabiex jiġi żgurat l-isfruttar sostenibbli tal-kwoti tal-merluzz mogħtija lill-Polonja kemm mil-lat ta' konservazzjoni kif ukoll mil-lat ekonomiku bħala parti mill-Programm Operattiv kofinanzjat mill-Fond Ewropew għas-Sajd. Fis-26 ta' Marzu 2008, intlaħaq ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Pollakki dwar il-Pjan ta' Ristrutturar. Il-Pjan Nazzjonali ta' Ristrutturar tal-Flotta Baltika ġie adottat f'April 2008, u l-Polonja adottat il-Pjan ta' Aġġustament tal-Isforz tas-Sajd (FEAP) f'Jannar 2009.

Kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 338/2008, il-Polonja adottat u implimentat iż-żewġ pjanijiet. Kif meħtieġ, il-Polonja bagħtet rapporti ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni, flimkien ma' informazzjoni miġbura mis-servizzi ta' spezzjoni tal-Kummissjoni, tappoġġa l-evalwazzjoni ppreżentata f'dan ir-rapport. Dan ir-rapport huwa maqsum f'żewġ partijiet: il-kontroll u r-ristrutturar tal-flotta.

2. PJAN TA' AZZJONI NAZZJONALI DWAR IL-KONTROLL

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-kontroll jistabbilixxi skeda għat-titjib b'mod gradwali tas-sistema ta' kontroll tas-sajd Pollakk fuq perjodu ta' sentejn. Minbarra l-iskadenza speċifikata fil-Pjan ta' Azzjoni, il-Polonja kellha tindirizza l-kwistjonijiet kollha sa Ottubru 2009. Kull sitt xhur, il-Polonja kellha tibgħat rapport ta' progress lill-Kummissjoni dwar kull punt imsemmi fil-Pjan.

2.1. Tisħiħ tal-qafas legali

Fl-2008, il-Polonja stabbiliet il-proċedura leġislattiva tagħha sabiex tadotta regoli nazzjonali ġodda li jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll u ta' infurzar identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni. L-Att dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tas-Sajd ġie adottat u daħal fis-seħħ, iżda l-abbozz tal-Att dwar is-Sajd għad irid jiġi adottat. Mill-1 ta' Jannar 2012, digriet ministerjali ġdid qed isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-ispetturi lokali u reġjonali tas-sajd tal-baħar u l-ispetturi tal-agrikoltura u tal-kwalità tal-ikel li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti tas-sajd fl-

istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni, mill-qbid jew mill-ħsad sal-istadju tal-bejgħ bl-imnut. Bħalissa l-Polonja qiegħdha tabbozza Att dwar is-Sajd ġdid li jrid ikun konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011.

2.2. Stabbiliment u operat ta' awtorità unika

Fl-2008, twaqqfet awtorità unika li tikkordina l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza (MCS) u taqa' taħt ir-responsabbiltà unika tad-Deputat Direttur għall-Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Mill-aħħar tal-2011, il-punti ta' referenza u l-miri għall-ispezzjoni huma stabbiliti mill-awtorità unika skont analiżi komprensiva tar-riskju. Sistema ġdida kkomputerizzata komuni għall-monitoraġġ tar-riżultati ta' spezzjoni kienet disponibbli mill-bidu tal-2011, iżda mhijiex konnessa jew kontroverifikata mal-bażi tad-dejta għar-reġistrazzjoni tal-qbid.

Is-servizzi ta' spezzjoni tal-Kummissjoni xorta nnutaw diskrepanzi bejn il-prattiki u l-metodi ta' ħidma tal-uffiċċji ta' spezzjoni differenti, li jistgħu jiġu parzjalment spjegati biss permezz tad-differenzi reġjonali li jeżistu fis-sajd.

2.3. Titjib fil-qasam tal-ispezzjonijiet

Il-Polonja bil-mod il-mod kienet qed tindirizza l-kwistjonijiet bil-għan li tegħleb id-diffikultajiet ta' kontroll u ta' infurzar. Minkejja li d-data ta' skadenza stabbilita fil-memorandum ta' qbil ma ntlaħqitx, u li bejn l-2008 u l-2009 ġie osservat biss ċertu titjib limitat, fl-2010 u l-2011 ittieħdu passi sinifikanti sabiex jissolvew il-kwistjonijiet pendenti:

- Fl-2010, l-ispetturi fl-uffiċċji portwali u t-timijiet mobbli rċievew laptops reżistenti għall-ilma u għall-iskossi b'aċċess online għall-VMS u għan-notifiki minn qabel. Fl-2011, l-ispetturi rċievew aċċess online għas-sistema l-ġdida ta' reġistrazzjoni tal-qbid u għad-dejta elettronika tal-ġurnal ta' abbord.
- Mill-2011, l-ispetturi bdew jirċievu notifiki minn qabel permezz ta' SMS.
- Minn Ottubru 2011, ma baqax obbligatorju punt ta' referenza ta' 100 % għall-ħatt tal-merluzz, u ġiet applikata sistema ġdida ta' ppjanar ta' spezzjoni bbażata fuq ir-riskju. L-istrateġija hija ddefinita mill-Ministeru (l-awtorità unika) f'kooperazzjoni mal-ispettorati reġjonali. Iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) iħejji l-analiżi komprensiva tar-riskju u jipprovdi l-bażi għall-ippjanar ta' spezzjoni.
- Bl-istrateġija l-ġdida bbażata fuq ir-riskju huwa possibbli li r-riżorsi ta' spezzjoni jiġu allokat i għal oqsma oħra barra dak tal-ħatt tal-merluzz. Sajd ieħor bħal dak tas-salamun, u segmenti oħra bħall-attivitàjiet ta' wara l-ħatt l-art, issa qed jiġu spezzjonati aktar ta' spiss.

Għalkemm it-tagħmir tekniku tal-ispetturi huwa tajjeb ħafna, mill-bidu tal-2012, ma kienx qed jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tiegħu. Id-diversi spetturi mill-ispettorati reġjonali ma jinteraġixxux bejniethom u ma hemm l-ebda sistema stabbilita biex isir skambju tal-aħjar prattiki. Bħala l-ewwel pass, ġie stabbilit li kull xahar issir laqgħa ta' koordinazzjoni mal-ispetturi reġjonali tas-sajd tal-baħar.

2.4. Titjib fil-kontroll amministrattiv

Fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Kontroll, ma sar l-ebda progress sinifikanti u l-Polonja naqqset milli tirrispetta l-iskadenzi. Madankollu, fl-2010 u l-2011, ġew solvuti ħafna mill-problemi li kienu jeħtieġu attenzjoni:

- Bil-bażi tad-dejta ġdida ta' spezzjoni (OSIRIS) huwa possibbli li jiġu rreġistrati l-ispezzjonijiet u l-ksur kollha li jagħmlu l-bastimenti kollha fil-Polonja. Il-bażi tad-dejta tista' tiġi użata għall-mistoqsijiet iddettaljati. Ir-rekords tal-ispezzjonijiet u l-ksur preċedenti għal kull bastiment, port jew speċi jistgħu jiġu rkuprati; u kwalunkwe ksur li jkun sar minn bastimenti li ġejjin minn pajjiżi oħra jiġi kkomunikat lill-Istat tal-bandiera fejn ikun irreġistrat. Hemm element nieqes fil-bażi tad-dejta li jinvolvi l-possibilità li wieħed isegwi l-prosekuzzjonijiet għal ksur.
- Fit-tim taċ-CMS, hemm tim li jieħu ħsieb l-analiżi tar-riskju li jipprovdi lill-ispetturi b'lista ta' bastimenti b'riskju elevat, ibbażata fuq id-dejta storika. Madankollu, is-sistema ma tistax tipprovdi monitoraġġ fil-ħin reali u b'hekk tiddefinixxi l-miri possibbli għall-ispezzjoni.
- Ġie adottat l-Att dwar is-Suq tas-Sajd u dan jipprovdi livell ogħla ta' kontroll għall-ispeċijiet li jinsabu f'riskju għoli. Iżda l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-penalitajiet għall-ksur tal-Att dwar is-Suq għadha ma ġietx adottata. Dan il-fatt jagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat kemm fil-fatt l-Att dwar is-Suq tas-Sajd qiegħed effettivament jiġi infurzat.
- Madankollu, il-kundizzjoni l-ġdida li tistabbilixxi li l-bastimenti bi ksur ma jistgħux jirċievu kwoti addizzjonali fl-aħħar tas-sena, tidher li kienet deterrent sinifikanti.

3. PJAN NAZZJONALI TA' RISTRUTTURAR TAL-FLOTTA BALTICA

Il-Pjan Nazzjonali ta' Ristrutturar tal-Flotta Baltika ġie adottat mill-Polonja f'April 2008 u jinkludi l-miżuri ewlenin li ġejjin:

- tnaqqis fil-flotta tas-sajd tal-merluzz,
- aġġustament tal-kapaċità tas-sajd għall-istokkijiet,
- distribuzzjoni tal-kwoti nazzjonali,
- immodernizzar tal-bastimenti għas-sajd (trasferiment għas-settur pelaġiku),
- għajjnuna għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd.

Bħala segwitu għal dan il-pjan ta' azzjoni u f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, il-Polonja adottat il-Pjan għall-Aġġustament tal-Isforz tas-Sajd (FEAP) f'Jannar 2009, wara negozjati mal-Kummissjoni Ewropea. Il-kontenut ta' dawn il-pjanijiet kien meqjus ukoll bħala parti mill-pjan ta' azzjoni nazzjonali għar-ristrutturar tal-flotta skont it-termini tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 338/2008 għall-perjodu tal-implimentazzjoni tiegħu.

3.1. Tendenzi fil-flotta tas-sajd Pollakka

Skont ir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Komunità (ir-Reġistru tal-Flotta) il-kapaċità tal-flotta tas-sajd Pollakka fil-Baħar Baltiku tnaqqset b'mod konsiderevoli matul il-perjodu ta' bejn l-1.4.2008 u l-31.12.2011. L-akbar tnaqqis seħħ fis-segment tal-flotta li t-tul ġenerali tal-bastimenti tiegħu huwa ta' bejn 24 m u 40 m. Dan huwa segment polivalenti tal-flotta, li huwa involut ukoll fis-sajd tal-merluzz.

Tabella 1: Il-flotta tas-sajd Pollakka mill-1.4.2008 sal-31.12.2011

L-għadd ta' bastimenti*		Kapaċità f'kW		Kapaċità f'TG	
Bastimenti minn LOA 01.4.2008	FI-01.4.2008 Fil-31.12.2011 Difference in GT	FI-01.4.2008 Fil-31.12.2011 Difference f'kW	Differenza fl-għadd FI-01.4.2008 Fil-31.12.2011	FI-01.4.2008	FI-01.4.2008
< 8 m	258	246	-12	5983.39	5552.87
8 sa 12 m	337	345	8	18957.7	18336.69
12 m sa 24 m	185	150	-35	30391.4	25552.13
24 m sa 40 m	80	45	-35	30921.3	17493.2
Total	860	786	-74	86253.79	66934.89

* Bastimenti ta' aktar minn 40 m huma meqjusa parti mill-flotta ta' distanza twila u mhumie x inklużi f'din it-tabella.

Il-figuri fit-tabella jinkludu kemm id-dħul kif ukoll il-ħruġ fil-flotta Pollakka tal-Baħar Baltiku, b'appoġġ u mingħajr appoġġ tal-pubbliku. Dawn ikopru s-segmenti kollha tal-flotta tal-Baħar Baltiku, inklużi l-bastimenti li mhumie x involuti fis-sajd dirett tal-merluzz.

3.2. Tnaqqis fl-għadd ta' permessi speċjali għas-sajd tal-merluzz

Sabiex jiġi ġestit it-tnaqqis fil-kwoti tal-merluzz, għall-perjodu mill-2009 sal-2011, il-Polonja introduċiet sistema ġdida għall-allokazzjoni tal-kwoti għall-bastimenti individwali. Din kienet ibbażata fuq il-kwota nazzjonali u fuq il-kwoti individwali ekonomiċi tas-sajd f'segmenti speċifiċi tal-flotta tas-sajd tal-merluzz. Il-kwoti individwali ekonomiċi tas-sajd kienu stabbiliti b'tali mod li l-bastimenti fil-pussess ta' permessi speċjali għas-sajd ma jitħallew x jiġġeneraw profitt eċċessiv, għalkemm xorta waħda jibqgħu ekonomikament vijabbli.

Permezz ta' din is-sistema, l-għadd ta' bastimenti fil-pussess ta' permessi speċjali għas-sajd tal-merluzz naqas b'mod sinifikanti fi żmien tliet snin, tant li ammonta għal madwar terz (bejn 147 u 158 bastiment skont is-sena) tal-għadd ta' bastimenti fl-2008 (456 bastiment).

It-tnaqqis temporanju fl-għadd ta' bastimenti fil-pussess ta' permessi speċjali għas-sajd tal-merluzz kellu l-iskop li jibbilanċja t-tnaqqis fil-kwota li ġie applikat bejn l-2008 u l-2011 għas-sajd żejjed ta' merluzz li sar fis-snin ta' qabel.

Fl-2012, kien meqjus li, is-sistema deskritta iktar 'il fuq kellha tnaqqas l-għadd ta' bastimenti fil-pussess ta' permessi speċjali għas-sajd tal-merluzz għal mhux aktar minn 233.

Madankollu, fl-2012, wara li skada t-tnaqqis mill-kwota tal-merluzz, il-Polonja żiedet l-għadd ta' bastimenti fil-pussess ta' permessi speċjali għas-sajd tal-merluzz għal 443, kważi daqs l-ammont tal-2008. Għalhekk, il-Polonja ma rnexxilhiex tevita li parti mill-flotta terġa' tmur lura għas-sajd dirett tal-merluzz. Barra minn hekk, skont l-iskema ta' ħlas lura, il-kwoti annwali għall-bastimenti individwali ġew imnaqqsa b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-snin ta' qabel, u dan iqajjem dubji fuq il-vijabilità ekonomika ta' ċerti segmenti tal-flotta li jiddependu fuq is-sajd tal-merluzz.

Tabella 1: Permessi speċjali għall-merluzz u għall-kwoti tal-merluzz fil-Polonja bejn l-2008 u l-2012

	2008	2009-2011	2012
Għadd ta' bastimenti b'permess speċjali għall-merluzz	456	147-158	433
Kwota għall-merluzz Baltiku (ftunnellati)	12146	11866-15440	21871
Kwota medja għal kull bastiment (ftunnellati)	26.64	80.70 – 97.80	50.51

3.3. Waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd

Il-Polonja stabbiliet il-mira li tnaqqas il-kapaċità tal-flotta tas-sajd tal-merluzz b'madwar 50 %. Din għandha tinkiseb permezz tad-dekummissjonament permanenti tal-bastimenti għas-sajd tal-merluzz, bit-trasferiment ta' parti mis-segment tal-flotta li għandu skopijiet differenti għas-sajd dirett pelaġiku biss, u bl-introduzzjoni tas-sistema tal-Kwoti Individwali Trasferibbli (ITQ). L-għan tad-dekummissjonament permanenti kien li jnaqqas 6 000 TG u 20 000 kW sal-aħħar tal-2011.

Skont it-tagħrif disponibbli għall-Kummissjoni, total ta' 69 bastiment, li jirrappreżentaw 4 961.29 TG u 14 524.58 kW, tneħħew mir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd bħala riżultat tad-dekummissjonament permanenti. Dan it-total jinkludi wkoll il-bastimenti li ma jiddependux biss fuq is-sajd tal-merluzz, iżda li potenzjalment jistgħu jaqbd u l-merluzz. L-iskema għad-dekummissjonament permanenti tibqa' għaddejja matul l-2012 abbażi tal-kuntratti ffirmati sal-aħħar tal-2011.

3.4. Miżuri ta' mmodernizzar (trasferiment għas-settur pelaġiku)

Bejn l-2009 u l-2011, il-Polonja pprevediet l-immodernizzar ta' 51 bastiment tas-sajd minn fost l-akbar li jeżistu b'kapaċità totali ta' 7 832 TG u 21 714 kW u t-trasferiment permanenti ta' daww il-bastimenti mis-sajd dirett tal-merluzz għas-sajd dirett tal-laċċa kaħla u tal-arringi biss. Iżda l-livelli baxxi ta' appoġġ mill-pubbliku u l-kundizzjonijiet finanzjarji ħżiena fis-settur kienu fost ir-raġunijiet għala s-sidien ma kinux interessati fl-immodernizzar jew fit-

trasferiment permanenti mis-sajd dirett tal-merluzz għas-sajd pelaġiku biss. Madankollu, ħafna mill-bastimenti pelaġiċi ġew iddekummissjonati matul l-2009 u l-2011. L-indikaturi u l-miri stabbiliti fl-FEAP għall-immodernizzar u għat-tneħħija ta' kapaċità mis-sajd dirett tal-merluzz ma ġewx miksuba.

3.5. Introduzzjoni tal-Kwoti Individwali Trasferibbli (ITQ)

Il-Polonja ppjanat li fl-2012 tintroduċi s-sistema tal-ITQ għall-ġestjoni tal-flotta tas-sajd tal-merluzz. Dan kien meqjus bħala pass importanti fir-rigward tal-effiċjenza li għandu jikkontribwixxi għal aġġustament ulterjuri tal-kapaċità tal-flotta tas-sajd għall-opportunitajiet tas-sajd. Għalkemm l-awtoritajiet Pollakki wettqu dibattiti u konsultazzjonijiet politiċi wiesa' mas-settur, l-ITQ ma setgħux jiġu implimentati minħabba r-reżistenza qawwija li sabu min-naħa tal-partijiet interessati.

4. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Matul dawn l-aħħar snin, l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku tjiebu b'mod sinifikanti, u b'hekk il-kwoti allokat li l-Istati Membri kkonċernati żdiedu. Barra minn hekk, il-Polonja ħallset lura bis-siġħ il-kwoti tal-merluzz li ġew mistada żżejjed fis-snin ta' qabel permezz ta' skema ta' tnaqqis tal-kwota fuq perjodu ta' erba' snin.

Il-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-kontroll ġew implimentati sal-aħħar tal-2011. Is-sistema nazzjonali ta' monitoraġġ u kontroll u l-affidabilità tas-sistema ta' rappurtar tal-qbid u l-isforz tjiebu matul il-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2011, tant li rriżultat f'sistema li tista' tiżgura l-kontroll u l-ispezzjoni effettiva kif maħsuba fir-rekord miftiehem dwar is-sistema ta' kontroll tas-sajd Pollakka. Iżda għad fadal xi elementi żgħira li għandhom bżonn jiġu indirizzati, u jista' jkun li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom bżonn jagħmlu xi aġġustamenti sabiex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-sistema l-ġdida tal-MCS. Għalhekk huwa importanti ħafna li s-sistema tibqa' tiġi mtejbja.

Huwa essenzjali li l-Polonja tadotta l-miżuri kollha neċessarji, b'attenzjoni partikolari għall-Att nazzjonali ġdid dwar is-Sajd. Fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni attwali, u fejn xieraq, isegwu kwalunkwe nuqqas fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa.

Il-Kummissjoni qed tinnotta li l-iskema għad-dekummissjonament permanenti u s-sistema għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd tal-merluzz ta' xi bastimenti ma poġġewx lill-Polonja f'pożizzjoni biex tkun tista' tikseb il-mira tagħha li tnaqqas il-kapaċità b'50 %. Din hija s-sitwazzjoni attwali, minkejja l-ispejjeż sinifikanti li involvew dawn l-iskemi, irriżultat li kienu ineffettivi u ineffiċjenti fl-UE kollha.

F'dan l-isfond, jekk jitqiesu l-bidliet dinamiċi li seħħew fl-istokkijiet u fil-flotot tal-ħut tal-Baħar Baltiku, il-Polonja għandha tkompli tivvaluta b'mod regolari l-prestazzjoni tal-flotta biex tiddetermina jekk inkisibx bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u r-riżorsi disponibbli.

Fejn meħtieġ, għandhom jiġu introdotti miżuri li jindirizzaw kwalunkwe żbilanċ evidenti f'segmenti tal-flotta partikolari jew fis-sajd. Ir-riżorsi pubbliċi għandhom jiġu użati biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal sajd aktar sostenibbli, selektiv u b'impatt baxx.